# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA
# SEDE KOSTITUZZJONALI

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis**
**Dsatax (19) ta' Novembru 2020**

**Rikors Numru 55/2016 FDP**

Fl-ismijiet

**Norman Vella**

**Vs**

**L-Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 8 ta' Ġunju 2016, li permezz tiegħu r-rikorrent qal u talab is-segwenti:

    1. *Illi nhar l-10 ta' Ottubru 2013 ir-rikorrent ippreżenta rikors fl-ismijiet 'Norman Vella vs l-Onor. Prim Ministru u s-Segretarju Permanenti Ewlieni' (Rikors Nru 2/2013) quddiem il-Kummissjoni dwar l-Impjiegi;*

    2. *Illi permezz tal-imsemmi rikors ir-rikorrent talab lill-Kummissjoni dwar l-Impjiegi tiddikjara illi dak premess fl-istess rikors jikkostitwixxi diskriminazzjoni politika u għalhekk jimmerita illi l-Kummissjoni tiddikjara li tali diskriminazzjoni seħħet fil-konfront tal-istess rikorrent filwaqt li tagħti dawk ir-rimedji, inklużi pekunjarji, illi jidhru xierqa wara li l-istess Kummissjoni tinvestiga*

*l-każ;*

3. *Illi preżentement ir-rikorrent jaħdem bħala Uffiċjal tal-Immigrazzjoni fi ħdan id-Dipartiment tal-Pulizija;*
4. *Illi d-Dipartiment tal-Pulizija jaqa' taħt ir-responsabbilita' tal-Ministeru tal-Intern u s-Sigurta' Nazzjonali;*
5. *Illi fil-mument li r-rikorrent ippreżenta l-imsemmi rikors quddiem il-Kummissjoni dwar l-Impjiegi, din l-istess Kummissjoni kienet kostitwita minn Michael J. Mallia bħala Chairman u minn Grace Ann Cachia, Dott. Alessia Zammit McKeon, Dott. Michael Vella Haber u Dott. Ramona Frendo bħala Membri;*
6. *Illi l-ħatriet tal-imsemmija Chairman u Membri tal-Kummissjoni saru kollha għall-perjodu ta' tliet snin skont dak li jipprovdi l-Artikolu 120 (5) tal-Kostituzzjoni;*
7. *Illi wara t-tmiem tal-imsemmi perjodu tal-ħatra ta' tliet snin, minflok Michael J Mallia inħatret bħala Chairman tal-Kummissjoni dwar 1-Impjiegi Dott. Ingrid Zammit Young b'seħħ mid-9 ta' Lulju, 2015. Il-membri l-oħra tal-Kummissjoni, ċioe' Dott. Michael Vella Haber, Dott. Ramona Frendo, Grace Ann Cachia u Dott. Alessia Zammit McKeon reġgħu nħatru għal perjodu ta' tliet snin b'seħħ mid-9 ta' Lulju, 2015;*
8. *Illi l-ħatra ta' Dott. Ingrid Zammit Young bħala Chairman tal-Kummissjoni dwar l-Impjiegi saret skont dak li jipprovdi l-Artikolu 120 (2) tal-Kostituzzjoni u ċioe' mill-President li aġixxa skont il-parir tal-Prim Ministru mogħti li wara dan ikkonsulta l-Kap tal-Opposizzjoni;*
9. *Illi b'seħħ mit-22 ta' Marzu 2016 inħatar Dott. Frank Benjamin Testa bħala Chairman tal-Kummissjoni dwar l-Impjiegi għal perjodu ta' tliet snin minflok Dott. Ingrid Zammit Young;*
10. *Illi l-Artikolu 85 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi li fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tiegħu, il-President għandu jaġixxi skont il-parir tal-Kabinett jew ta' Ministru li jaġixxi skont l-awtorita' ġenerali tal-Kabinet ħlief fil-każijiet meta huwa meħtieġ bil-Kostituzzjoni jew b'xi liġi oħra li jaġixxi skont il-parir ta' xi persuna jew awtorita' li ma tkunx il-Kabinet;*
11. *Illi l-proviso għall-Artikolu 85(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi liema huma dawk il-funzjonijiet li fl-eżekuzzjoni tagħhom il-President għandu jaġixxi skont il-ġudizzju deliberat tiegħu stess;*
12. *Illi l-ħatra tal-membri tal-Kummissjoni dwar l-Impjiegi mhix waħda minn dawk il-funzjonijiet li fl-eżekuzzjoni tagħhom il-President għandu jaġixxi skont il-ġudizzju deliberat tiegħu stess, iżda hija waħda minn dawk il-funzjonijiet li fiha l-President għandu jaġixxi skont il-parir mogħti lilu, f'dan il-każ il-parir mogħti lilu mill-Onor.*

*Prim Ministru wara li dan ikun ikkonsulta l-Kap tal-Opposizzjoni fil-każ tal-ħatra tac-Chairman tal-Kummissjoni, fil-każ ta' tnejn mill-membri tal-Kummissjoni skont il-parir tal-Prim Ministru u fil-każ ta' tnejn mill-membri l-oħra tal-Kummissjoni skont il-parir tal-Kap tal-Opposizzjoni;*

13. *Illi għalhekk f'nofs is-smigħ tar-rikors ippreżentat mir-rikorrent quddiem il-Kummissjoni dwar l-Impjiegi u wara li r-rikorrent kien laħaq ressaq il-provi kollha tiegħu, meta skada t-terminu tal-ħatra tac-Chairman u ta' wħud mill-Membri tal-Kummissjoni, l-Onor. Prim Ministru, li huwa wkoll wieħed mill-intimati fil-każ quddiem il-Kummissjoni dwar l-Impjiegi, għadda sabiex jaħtar persuni ġodda li għoġbu u għandu fiduċja fihom hu bħala Chairman u Membri tal-istess Kummissjoni minflok dawk li t-terminu tagħhom kien skada;*

14. *Illi hija l-umli fehma tar-rikorrent li l-Kummissjoni dwar l-Impjiegi kif imwaqqfa bl-Artikolu 120 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ma tissodisfax il-kriterji ta' tribunal indipendenti u imparzjali kif garantit mill-Kostituzzjoni u mill-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem kif inkorporata fl-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta);*

15. *Illi l-Artikolu 120 tal-Kostituzzjoni ma jipprovdix biex il-Kummissjoni dwar l-Impjiegi tkun imparzjali u indipendenti stante li ċ-Chairman u l-Membri tagħha ma jgawdux sigurta' biżżejjed fil-mili tal-kariga tagħhom u ċioe' security of tenure;*

16. *Illi skont l-Artikolu 120 (5) (a) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-kariga ta' membru tal-Kummissjoni dwar l-Impjiegi għandha ssir vakanti "fit-tmiem ta' tliet snin mid-data tal-ħatra tiegħu;"*

17. *Illi dan ifisser li l-maġġoranza tal-Membri tal-Kummissjoni dwar l-Impjiegi u ċioe' ċ-Chairman u tnejn mill-Membri tal-Kummissjoni dwar l-Impjiegi huma soġġettati għas-setgħa tal-Prim Ministru li jerġa' jaħtarhom mill-ġdid fi tmiem it-terminu tal-ħatra tagħhom jew li ma jaħtarhomx mill-ġdid jekk fit-tliet snin ta' qabel ma jkunux għoġbuh;*

18. *Illi ċ-Chairman u l-Membri tal-Kummissjoni dwar l-Impjiegi ma jgawdu l-ebda protezzjoni dwar il-proċediment mibdija quddiemhom in kwantu f'każ li dawn itawlu aktar mill-perjodu ta' tliet snin tal-ħatra tagħhom, il-ħatra tagħhom mill-ġdid ssir soġġettata għad-diskrezzjoni ta' wieħed mill-intimati fil-każ li ppreżenta r-rikorrent quddiem il-Kummissjoni dwar l-Impjiegi u ċioe l-Onor. Prim Ministru;*

19. *Illi għalhekk huwa ċar li 1-Onor. Prim Ministru jgawdi minn pożizzjoni privileġġata li jaħtar lil min jidhirlu hu fil-maġġoranza tal-membri tal-Kummissjoni u ċioe fil-kariga ta' Chairman u ta' żewġ Membri tal-Kummissjoni dwar l-Impjiegi, u li, wara li proċess*

*idum aktar minn tliet snin, ineħħi mill-Kummissjoni ċ-Chairman u/jew dawk il-Membri li ma jkunux għoġbuh;*

20. *Illi skont l-Artikolu 120 (8) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-Kummissjoni dwar l-Impjiegi għandha l-funzjoni "[...] li tiżgura li, dwar l-impjiegi, ebda distinzjoni, esklużjoni jew preferenza li ma tkunx ġustifikabbli f'soċjeta' demokratika ma għandha ssir jew tingħata favur jew kontra xi persuna minħabba l-opinjoni politika tagħha;*

21. *Illi llum, biex jiddeċiedi jekk persuna ġietx diskriminata minħabba l-opinjoni politika tagħha, huma nkarigati persuni li jistgħu jiġu nominati minħabba l-opinjonijiet politiċi tagħhom u li ma jiġġeddux fil-kariga jekk l-opinjonijiet politiċi tagħhom ma jogħġbux lill-intimat fil-każ li ppreżenta r-rikorrent quddiem il-Kummissjoni dwar l-Impjiegi u ċioe' l-Onor. Prim Ministru;*

22. *Illi m'għandu jkun qatt, fi Stat li jsostni s-saltna tad-dritt u l-valur tal-indipendenza tal-ġudikatura, illi l-għażla tal-ġudikant, u l-bidla tal-ġudikant fil-kors tal-proċeduri, tkun il-monopolju ta' min hu intimat f'dik l-istess kawża. Fis-sistema attwali, il-partijiet mhux biss m'għandhomx equality of arms, imma l-intimat Onor. Prim Ministru qiegħed fil-pożizzjoni dominanti u privileġġjata li jimponi l-ġudikant tal-għażla u fiduċja tiegħu, fuq ir-rikorrent. L-intimat Onor. Prim Ministru huwa wkoll fil-pożizzjoni li jbiddel il-ġudikant u li jagħżel ġudikant ġdid ta' fiduċja tiegħu f'nofs il-proċeduri - bit-twissija taċita li jekk ma jogħġobx lill-intimat Onor. Prim Ministru, l-impieg tiegħu ma jiġix imġedded;*

23. *Illi għalhekk hija l-prerogattiva tal-intimat fil-każ li ppreżenta r-rikorrent quddiem il-Kummissjoni dwar l-Impjiegi u ċioe' l-Onor. Prim Ministru illi: (1) jinnomina ċ-Chairman u żewġ Membri tal-Kummissjoni, skont ma jogħġob lilu; illi (2) ma jġeddilhomx il-kariga għeluq tliet snin jekk ma jogħġbux lilu. Inoltre, hija wkoll prerogattiva tal-Onor. Prim Ministru illi (3) anke jkeċċihom mill-kariga tagħhom waqt il-perjodu ta' tliet snin ta' kariga jekk jidhirlu, insindakabbilment, illi ma jistgħux jaqdu l-funzjonijiet tagħhom. Il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tittollera li ġudikant ikun nominat għall-perjodu li jiskadi - basta f'dak il-perjodu jkollu security of tenure sħiħa. Skont l-Artikolu 120 (6) il-Membri tal-Kummissjoni dwar l-Impjiegi mhux biss huma nominati mill-intimat fil-każ li ppreżenta r-rikorrent quddiem il-Kummissjoni dwar l-Impjiegi u ċioe' l-Onor. Prim Ministru għall-perjodu ta' tliet snin biss (rinnovabbli, imma skont il-prerogattiva diskrezzjonali tal-intimat stess) imma jistgħu jitkeċċew arbitrarjament mill-kariga tagħhom mill-istess intimat anke waqt it-tliet snin tal-kariga - b'mod li anqas f'dawk it-tliet snin m'għandhom ebda security of tenure. B'dan il-mod in-nomina, permanenza u tiġdid tal-impieg tagħhom hija prerogattiva diskrezzjonali mhux ta'*

*awtorita' indipendenti, imma tal-intimat Onor. Prim Ministru f'dawk il-proċeduri;*

24. *Illi dan kollu premess jesponi ksur manifest u lampanti tad-dritt għal smigħ xieraq tar-rikorrent kif sanċit fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-Artikolu 6 tal- Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem kif inkorporata fl-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta);*

*Għaldaqstant ir-rikorrent, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja w opportuna u għar-raġunijiet premessi, umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-kostituzzjoni u kompożizzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Impjiegi taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta (Artikolu 120) ma jiswewx għaliex jiksru d-dritt għal smigħ xieraq tar-rikorrent, senjatament stante li ma jħarisx dak li jgħidu l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem, kif sanċita taħt il-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta u taħt l-obbligi internazzjonali tal-Istat ta' Malta; u*
2. *Tagħti dawk l-ordnijiet u direttivi kollha li jidhrilha xieraq sabiex jitwettqu l-imsemmija Artikoli tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropea u hekk tagħti kull rimedju jew direttivi opportuni.*

*Bl-ispejjeż u b'riżerva ta' kull dritt u azzjoni fil-liġi.*

2. Rat ir-risposta tal-Avukat tal-Istat ippreżentata fit-3 ta' April 2017 fejn tqajmu s-segwenti difiżi.

    1. *Illi qabel xejn huwa xieraq biex il-ġudizzju jkun sħiħ li jiġu msejħa fil-kawża l-Onorevoli Prim Ministru u s-Segretarju Permanenti Ewlieni li huma parti mill-proċeduri li hemm għaddejja quddiem il-Kummissjoni dwar l-lmpjiegi. Peress li dawn il-proċeduri kostituzzjonali jistgħu jolqtu l-mixi 'l quddiem tal-proċeduri li hemm quddiem il-Kummissjoni dwar l-Impjiegi, ikun aħjar illi l-partijiet kollha li hemm f'dawk il-proċeduri tal-Kummissjoni jiddaħħlu f'din il-kawża biex ikollhom l-opportunita' li jgħidu tagħhom;*
    2. *Illi ma jidhirx li l-kwistjonijiet kostituzzjonali u konvenzjonali mqanqla mir-rikorrent huma mistħoqqha għaliex is-sitwazzjoni li qed jilmenta minnha seħħet b'għażla tiegħu stess. Kien ir-rikorrent li minn jeddu għażel li jiftaħ proċeduri quddiem il-Kummissjoni dwar l-Impjiegi u meta għamel dan huwa kien jaf bil-mod kif din il-Kummissjoni kienet maħtura skont il-Kostituzzjoni ta' Malta. Għalhekk jekk ir-rikorrent ma riedx joqgħod għall-ġurisdizzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Impjiegi għaliex kellu dubju dwar l-indipendenza u l-imparzjalita' tagħha*

*minħabba l-mod ta' kif din tiġi maħtura, allura huwa messu ma fetaħx il-kawża quddiem il-Kummissjoni dwar l-Impjiegi mill-ewwel. Fis-sewwa ġialadarba kien ir-rikorrent innifsu li fetaħ il-kawża quddiem il-Kummissjoni dwar l-Impjiegi huwa ġie li ssottometta ruħu għall-ġurisdizzjoni tal-imsemmija Kummissjoni, b'dana li mhux xieraq għar-rikorrent li issa jipprova jressaq ilmenti kostituzzjonali akkademiċi biex jipprova jwaqqa' kostituzzjonalment il-Kummissjoni li huwa stess għażel biex taqta' u tiddeċiedi l-każ tiegħu;*

3. *Illi marbut ma' dan, ta' min jgħid li l-Kummissjoni dwar l-Impjiegi m'għandhiex bil-liġi xi ġurisdizzjoni esklussiva biex tiddeċiedi tilwim industrijali bħal dik imqajma mir-rikorrent. Kemm hu hekk, kieku ried ir-rikorrent seta' kkontesta t-trasferiment tiegħu fuq il-post tax-xogħol quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili billi jew jitlob it-tħassir ta' dik id-deċiżjoni jew inkella billi jipproċedi b'azzjoni għad-danni. F'dawn iċ-ċirkostanzi għalhekk mhuwiex il-każ li din l-Onorabbli Qorti għandha għalfejn skont l-artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u l-proviso tal-artikolu 4 (2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta toqgħod tidħol fuq il-kwistjoni biex tistħarreġ jekk il-kompożizzjoni tal-Kummissjoni dwar Impjiegi huwiex konformi mal-ħtiġijiet tas-smigħ xieraq kif kontemplati fil-Kostituzzjoni ta' Malta u/jew fil-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta;*
4. *Illi mingħajr ħsara għall-premess sa fejn ir-rikorrent qiegħed jisħaq li l-artikolu 120 tal-Kostituzzjoni huwa bi ksur tal-Kostituzzjoni, jissokta jingħad li kif tajjeb ingħad fis-sentenza 'Dottor Harry Vassallo vs. Onorevoli Prim Ministru et' mhuwiex maħsub li xi parti mill-Kostituzzjoni tista' tiqies kontra l-Kostituzzjoni. Tassew id-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni għandhom jitqiesu li huma kollha ugwali, b'dana li ma jistax ikollok xi disposizzjoni tal-Kostituzzjoni li tkun aqwa minn oħra;*
5. *Illi barra minn hekk skont l-artikolu 6 tal-Kostituzzjoni ta' Malta hija biss liġi oħra li mhijiex il-Kostituzzjoni li tista' tiġi dikjarata inkonsistenti mal-Kostituzzjoni u konsegwentement mingħajr effett. Għalhekk ir-rikorrent ma jistax jitlob lil din l-Onorabbli Qorti biex tiddikjara li d-dispozizzjoni tal-Kostituzzjoni hija waħda anti-kostituzzjonali;*
6. *Illi terġa' u tgħid sa fejn f'din il-kawża l-ilment tar-rikorrent qiegħed jinftiehem li qed jattakka l-parir tal-President u r-rakkomandazzjoni tal-Prim Ministru tal-ħatra tal-membri tal-Kummissjoni dwar l-Impjiegi, għandu jingħad li skont l-artikolu 85(2) u l-artikolu 86(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, tali parir jew rakkomandazzjoni ma jistgħux jiġu eżaminati minn ebda Qorti. Għalhekk l-ilment tar-rikorrent ma jistax jirnexxi mill-perspettiva tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*
7. *Illi l-ilment tar-rikorrent lanqas ma jista' jiġi mistħarreġ mil-lenti tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Dan għaliex skont l-artikolu 3(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta huma biss il-liġijiet ordinarji li jistgħu*

*jgħaddu mill-għarbiel tal-kompatibbilita' mad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali. Skont it-tifsira mogħtija lil-liġi ordinarja taħt l-artikolu 3(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta hemm espliċitament eskluż il-Kostituzzjoni ta' Malta. La hemm din l-esklużjoni, allura l-artikolu 120 tal-Kostituzzjoni ta' Malta ma jistax jiġi investigat jekk imurx kontra l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea. Għalhekk anke mill-aspett tal-Konvenzjoni Ewropea, l-ilment tar-rikorrent ma jistax jiġi indagat;*

8. *Illi bla ħsara għas-suespost l-ilment tar-rikorrent safejn dan huwa msejjes fuq l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, dan ukoll ma jistax jiġi investigat peress li l-Kummissjoni dwar l-Impjiegi ma tagħtix deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' drittijiet jew obbligi ċivili. L-azzjoni quddiem il-Kummissjoni dwar l-Impjiegi mhijiex waħda ta' bixra ċivili iżda hija azzjoni mnissla mil-liġi pubblika u ammistrattiva, maħsuba unikament biex tiżgura li ma jkunx hemm diskriminazzjoni politika;*

9. *Illi mingħajr preġudizzju għal dak fuq imsemmi, dwar il-komposizzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Impjiegi tajjeb li jiġi rilevat li l-Prim Ministru ma jistax jaqbad u jagħżel bħala Chairman tal-Kummissjoni lil min irid u jogħġbu. Bil-liġi, skont l-artikolu 120(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jeħtieġ li jkun hemm konsultazzjoni bejn il-Prim Ministru u l-Kap tal-Opposizzjoni dwar min għandu jiġi maħtur bħala Chairman tal-Kummissjoni. Għalhekk l-għażla taċ-Chairman mhijiex waħda unilaterali tal-Prim Ministru kif donnu jimplika r-rikorrent iżda hija waħda ta' qbil bejn il-Gvern u l-Opposizzjoni;*

10. *Illi meqjus li l-funzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Impjiegi huwa maħsub biex jiżgura li ħaddiema ma jiġux diskriminati minħabba l-fehmiet politiċi tagħhom, allura jagħmel ħafna sens li n-nominazzjoni tal-membri tal-Kummissjoni ssir mill-Gvern u l-Opposizzjoni. Wara kollox il-Parlamentari huma n-nies li jirrapreżentaw lill-poplu wara li jinżamm il-proċess demokratiku tal-elezzjoni;*

11. *Illi għalkemm xi wħud mill-membri tal-Kummissjoni jinħatru mill-Gvern ma jfissirx illi dawk il-membri ha jkunu ppreġudikati favur il-Gvern. Anke Imħallfin u Maġistrati jintgħażlu mill-Gvern, imma b'daqshekk ma jfissirx li għax intgħażlu minn Gvern partikolari allura huma ha jabdikaw mill-indipendenza u l-imparzjalita' tagħhom fejn jidħol dak il-Gvern jew li dawn sejrin jiġbdu simpatija ma' min ipproponihom għal ħatra;*

12. *Illi multo magis f'dan ir-rigward il-komposizzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Impjiegi kif regolata bl-artikolu 120(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta hija bilanċjata bejn il-Gvern u l-Opposizzjoni, għaliex kull parti għandha d-dritt li taħtar żewġ membri fuq il-Kummissjoni, filwaqt li r-ras tal-Kummissjoni tintgħażel bi qbil bejn il-partijiet. Għalhekk il-mod ta' kif jinħatru l-membri tal-Kummissjoni ma jistax jitqies li huwa*

*inkonsistenti mal-jedd tas-smigħ xieraq;*

13. *Illi sa fejn ir-rikorrent qed jilmenta li l-membri tal-Kummissjoni ma jgawdux minn security of tenure sakemm idumu jaqdu fil-Kummissjoni, dan huwa skorrett għaliex skont l-artikolu 120(6) tal-Kostituzzjoni ta' Malta l-membri tal-Kummissjoni ma jistgħux jitneħħew ħlief meta jkun hemm inkapaċita' fiżika jew mentali jew inkella mġieba ħażina. Ta' min iżid jgħid ukoll li t-tneħħija tal-membru ma tistax issir minn kulħadd iżda tista' ssir biss minn min ikun ta' l-parir tiegħu biex jinħatar dak il-membru. Jiġifieri jekk membru jkun ġie maħtur fuq parir tal-Opposizzjoni, allura l-Prim Ministru ma jistax jiddeċiedi li jneħħi dak il-membru sakemm it-talba ma tkunx ġejja mill-Opposizzjoni li tkun ħatrietu. Hekk ukoll safejn jikkonċerna ċ-Chairman, dan ma jistax jitneħħa mill-Prim Ministru waħdu iżda jista' jitneħħa biss wara konsultazzjoni mal-Opposizzjoni;*

14. *Illi mbilli t-terminu tal-membri tal-Kummissjoni huwa ta' tliet snin, ma jfissirx b'daqshekk li ipso jure din il-Kummissjoni mhijiex sejra twettaq xogħolha sew jew li hi mhix ser tkun ekwidistanti u imparzjali bejn il-partijiet li jidhru quddiemha;*

15. *Illi hekk ukoll imbilli hemm il-possibilita' li l-membri tal-Kummissjoni jerġgħu jinħatru mill-ġdid ma jfissirx li dawn sejrin jippruvaw jintgħoġbu ma' min ħatarhom bit-tama li dawn jerġgħu jiġu proposti għall-ħatra suċċessiva. Wieħed ma jridx jinsa li l-komposizzjoni tal-Kummissjoni hija magħmula b'tali mod li ħadd mill-Gvern jew mill-Opposizzjoni m'għandu maġġoranza fl-għażla tal-membri u għalhekk daqskemm ipotetikament jista' jkun hemm membri li jistgħu jiġbdu l-ħabel tal-Prim Ministru għax dawn ikunu ġew maħtura minnu, daqstant ieħor jista' ipotetikament ikun hemm membri li jkunu kontra l-fehma politika tal-Prim Ministru għaliex ikunu ġew maħtura mill-Opposizzjoni. Għalhekk il-mod kif huwa kompost il-Kummissjoni jiżgura li la l-Gvern u lanqas l-Opposizzjoni ma ħa jkollhom vantaġġ fuq xulxin u għalhekk ir-rikorrent m'għandux għalfejn jinfaxxa rasu li huwa mhux ser ikollu smigħ xieraq kif jistħoqqlu li jkollu.*

16. *Illi r-rikorrent lanqas m'għandu għalfejn jinkwieta li ċ-Chairman jista' jiffavorixxi lill-Prim Ministru biex jerġa' jiġi maħtur fil-futur. Dan għaliex biex iċ-Chairman jista' jinħatar mill-ġdid dejjem irid ikun hemm konsultazzjoni bejn il-Prim Ministru u l-Opposizzjoni. Żgur u mhux forsi jekk iċ-Chairman mhuwiex ser iwettaq dmiru tajjeb skont il-liġi, dan mhuwiex ser jiġi propost miż-żewġ naħat tal-kamra tad-deputati. Barra minn hekk, wieħed ma jridx iwarrab minn quddiem għajnejh il-fatt li ċ-Chairman huwa persuna fdata bħala persuna integra u indipendenti kemm mill-Gvern u kemm mill-Opposizzjoni. Għalhekk wieħed diffiċli jistenna li ċ-Chairman sejjer jitradixxi din il-fiduċja li tkun intweriet fuqu, mhux biss għaliex huwa mhuwiex waħdu fil-Kummissjoni imma anke għaliex ix-xogħol tiegħu bħala organu*

*kostituzzjonali huwa suġġett għall-iskrutinju tal-Membri Parlamentari. F'dan l-aspett ir-rikorrent jista' jserraħ rasu li jekk il-Kummissjoni ħa taġixxi b'mod żbilanċjat, hija sejra tbati l-kritika tal-membri Parlamentari. Għalhekk dan huwa inċentiv reali biex il-Kummissjoni timxi sew;*

17. *Illi f'kull każ bla ħsara għall-premess, il-każ kostituzzjonali mressaq mir-rikorrent huwa mibni biss fuq it-tħassib u s-suspetti ipotetiċi tiegħu li l-Kummissjoni dwar l-Impjiegi mhijiex ser tiddeċiedi l-każ tiegħu skont il-ħaqq. Tabilħaqq fir-rikors kostituzzjonali mkien ma jissemma' kif realment ir-rikorrent, sejjer jiġi milqut ħażin mill-Kummissjoni, bħalma lanqas ma jissemma' mqar episodju wieħed ta' bias imwettaq mill-Kummissjoni dwar l-Impjiegi. Kif qalu l-Qrati tagħna l-kriterju oġġettiv tal-apparenza ta' indipendenza mhuwiex dak ta' min iħares lejn l-affarijiet b'suspett eċċessiv iżda tal-bniedem raġonevoli u in bona fide li ma għandux interess illi jfixkel*

18. *Illi dejjem bla preġudizzju għal dak fuq imsemmi, anke jekk jitqies għall-ġieħ tal-argument biss li l-Kummissjoni dwar l-Impjiegi mhuwiex tribunal indipendenti u imparzjali għall-għanijiet tal-jedd ta' smigħ xieraq, xorta waħda dan ma jiġġustifkax l-ilment tar-rikorrent. Dan għaliex mid-deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-Impjiegi dejjem hemm disponibbli għar-rikorrent l-azzjoni għall-istħarriġ ġudizzjarju quddiem il-qrati ordinarji. Fl-assenza ta' rimedji statutorji, bħalma hu d-dritt ta' appell, il-parti li tħossha mġarrba minn xi deċiżjoni ta' bord kważi-ġudizzjarju, dejjem għandha l-benefiċċju li tattakka dik id-deċiżjoni jekk dak it-tribunal ikun mar ultra vires jew kontra r-regoli ta' ġustizzja naturali jew is-sentenza tkun kontra xi liġi miktuba. Ifisser dan, li jiġri x'jiġri l-Kummissjoni dwar l-Impjiegi jista' ma jkollhiex l-aħħar kelma fuq il-każ tar-rikorrent, għax dan jekk irid dejjem jista' jirrikorri biex iwaqqa' dik is-sentenza jekk huwa jħoss li din ma ngħatatx sewwa jew skont il-ħaqq. Għalhekk ir-rikorrent mhux ha jkun imċaħħad minn xi aċċess għall-Qorti jekk kemm-il darba huwa jħoss li għandu jattakka d-deċiżjoni finali tal-Kummissjoni dwar l-Impjiegi;*

*Għaldaqstant fid-dawl tas-suespost l-esponent umilment jitlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjeż kontra tiegħu;*

3. Rat illi fis-27 ta' Ottubru 2016 is-Segretarju Ewlieni fl-Uffiċju tal-Prim Ministru ippreżenta r-risposta tiegħu fejn għamel bħala tiegħu r-risposta ppreżentata mill-Avukat Ġenerali.

4. Rat illi l-Prim Ministru irrisponda bil-miktub permezz ta' risposta datata 31 ta' Ottubru 2016 billi qajjem is-segwenti difiżi:

1. *Preliminarjament, il-karenza ta' interess ġuridiku tar-rikorrent fl-ilment imressaq minnu billi kien huwa stess, b'għażla tiegħu, li*

*ssottometta ruħu għall-ġurisdizzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Impjiegi mwaqqfa bil-Kostituzzjoni minflok irrikorra quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili f'xi waħda mill-ġurisdizzjonijiet tagħha għal rimedju fuq il-lanjanzi tiegħu.*

*Ir-rikorrent kien ben konsapevoli tal-kompożizzjoni u l-funzjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-Impjiegi sa minn qabel għażel li jmur quddiemha, u jekk kellu oġġezzjoni għall-mod kif din tinħatar, seta' għażel li ma jirrikorrix għal rimedju quddiemha.*

2. *Preliminarjament ukoll, in kwantu l-Kummissjoni dwar l-Impjiegi hija mwaqqfa u regolata bil-Kostituzzjoni, u r-rikorrent qed jibbaża ruħu fuq id-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, din il-Qorti ma għandhiex ġurisdizzjoni tiddetermina t-talbiet tiegħu.*

   *L-artikolu 3(2) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi li "Fejn ikun hemm xi liġi ordinarja li tkun inkonsistenti mad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, l-imsemmija Drittijiet u Libertajiet Fundamentali għandhom jipprevalu, u dik il-liġi ordinarja għandha. Sa fejn tkun inkonsistenti, tkun bla effett." Fl-artikolu 2 tal-istess Att insibu li l-"liġi ordinarja tfisser kull dokument li għandu s-saħħa ta' liġi u kull regola ta' liġi mhux miktuba, minbarra l-Kostituzzjoni ta' Malta". Għalhekk l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea innifsu jeskludi l-applikabilta' ta' dan l-Att għall-Kostituzzjoni.*

3. *Fil-mertu, din il-Qorti għandha* ***tirrifjuta*** *li teżerċita s-setgħa tagħha skont il-proviso tal-Artikolu 46(1) tal-Kositituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 4(2) tal-Att dwar il-Konvenzioni Ewropea (Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta) billi r-rikorrent kellu rimedji oħra ordinarji disponibbli li, għar-raġunijiet tiegħu għoġbu ma jutilizzax.*

   *Kif tgħallem il-Qorti Kostituzzjonali* ***"Huwa żball li tadotta r-rimedji kostituzzjonali biex tissana n-nuqqas li tuża rimedji oħra li setgħu jagħtuk soluzzjoni legali. Il-persuna aggravata kellha l-ewwel tipproteġi l-interessi tagħha u tagħmel użu mir-rimedji li għandha taħt il-liġi ordinarja***

4. *F'kull każ, in kwantu l-ilment tar-rikorrent huwa bażat fuq allegata vjolazzjoni tal-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-istess ilment ma jistax jirnexxi, u d-disposizzjonijiet ċitati mhumiex applikabbli, billi l-Kummissjoni dwar l-Impjiegi ma tiddeċidix dwar drittijiet jew obbligi ċivili - il-mansjoni tagħha hija li tiżgura li fl-impjiegi ma ssirx xi distinzjoni, esklużjoni jew preferenza li ma tkunx ġustifikabbli f'soċjeta' demokratika, favur jew kontra xi persuna minħabba l-opinjoni politika. (artikolu 120(8) tal-Kostituzzjoni).*

5. *F'kull każ, jekk ir-rikorrent kellu diffikulta' b'xi waħda jew aktar*

*mill-persuna jew persuni partikolari li jikkomponu l-Kummissjoni, u l-ilment tiegħu kien bażat fuq raġunijiet validi skont il-liġi, allura seta' użufruwixxa mir-rimedju tar-rikuża.*

6. *Mingħajr preġudizzju, il-ħatriet tal-membri tal-Kummissjoni jsiru President tar-Repubblika. Il-Kostituzzjoni stess tipprovdi li dawn jaħtarhom tnejn skont il-parir tal-Prim' Ministru u tnejn skont il-parir tal-Kap tal-Opposizzjoni, filwaqt li ċ-Chairman jinħatar fuq parir tal-Prim' Ministru wara li dan ikun ikkonsulta l-Kap tal-Opposizzjoni. L-istess membri jistgħu jitneħħew mill-kariga mill-President bl-istess pariri minħabba inkapaċita' li jaqdi l-funzjonijiet tal-kariga jew għal imġieba ħażina.*

   *Din il-Qorti hija* ***prekluża mill-istess Kostituzzjoni*** *li teżamina jew tinvestiga l-aġir tal-President jekk ikunx irċieva jew aġixxa skont dak il-parir. (artikolu 85(2) tal- Kostituzzjoni).*

7. *F'kull każ, l-ilment tar-rikorrent imressaq f'dan l-istadju tardiv tal-proċediment quddiem il-Kummissjoni dwar l-Impjiegi, wara li huwa ressaq il-provi tiegħu, u tahom pubbliċita', u meta kien imiss lill-esponenti jagħmlulu l-kontro-eżami u jressqu l-provi tagħhom biex jikkuntrarjaw l-allegazzjonijiet tiegħu, huwa frivolu u vessatorju, u intiż biss biex itawwal il-proċediment għall-vantaġġ tiegħu.*

8. *Salvi eċċezzjonijiet oħra.*

5. Rat illi l-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat Ġeneral ġiet sorvolata billi ġew imsejħa fil-kawża l-Onorevoli Prim Ministru u s-Segretarju Permanenti Ewlieni.

**Provi**

6. Rat ix-xhieda ta' **Norman Vella** mogħtija fis-26 ta' Jannar 2017 (fol 42).

7. Rat ix-xhieda ta' **Gemma Debono** mogħtija fis-16 ta' Frar 2017 (fol 53).

8. Rat ix-xhieda ta' **Mario Cutajar** mogħtija fis-16 ta' Frar 2017 (fol 67).

9. Rat li ngħatat sentenza preliminari datata 22 ta' Frar 2018, mill-Qorti diversament ippresjeduta, dwar l-eċċezzjonijiet preliminari ossija dwar l-ewwel eċċezzjoni tal-Prim Ministru u dwar it-tieni u t-tielet eċċezzjoni tal-Avukat Ġenerali.

10. Rat li permezz ta' din is-sentenza preliminari, ġew miċħuda l-imsemmija eċċezzjonijiet preliminari.

11. Rat ix-xhieda ta' Norman Vella mogħtija fis-17 ta' April 2018 (fol 107).

12. Rat ix-xhieda ta' Norman Vella in kontro-eżami mogħtija fl-10 ta' Ottubru 2018. (fol 111)

13. Rat ix-xhieda ta' tal-istess Norman Vella in kontro-eżami mogħtija fis-27 ta' Novembru 2019 (fol 123).

14. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Norman Vella, ippreżentata fl-10 ta' Ġunju 2020.

15. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Avukat Ġenerali u tas-Segretarju Permanenti Ewlieni ippreżentata fit-2 ta' Lulju 2020.

16. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Prim Ministru ippreżentata fit-22 ta' Settembru 2020.

**Fatti tal-każ**

17. Jirriżulta mill-provi prodotti li r-rikorrent ippreżenta proċeduri quddiem il-Kummissjoni Dwar l-Impjiegi (Att Numru 2/2013) fl-10 ta' Ottubru 2013.

18. Il-Kummissjoni Dwar l-Impjiegi hija stabbilita abbażi tal-Kostituzzjoni appuntata taħt l-artikolu 120 tal-Kostituzzjoni u, a tenur tal-istess Artikolu 120, hemm ipprovdut dwar kif jinħatru ċ-Chairman u l-membri tal-Kummissjoni.

19. Jirriżulta li fiż-żmien tal-preżentata tal-proċeduri tar-rikorrent iċ-Chairman tal-Kummissjoni għall-Impjiegi kien Michael J. Mallia filwaqt illi l-membri l-oħra tal-Kummissjoni dwar l-Impjiegi kienu Grace Ann Cachia, Dott. Alessia Zammit Mckeon, Dott. Michael Vella Haber u Dott. Ramona Frendo. Sussegwentement wara t-tmiem tal-imsemmi perjodu ta' ħatra ta' tlett snin, b'seħħ mill-2015, ġiet maħtura Dottor Ingrid Zammit Young filwaqt li l-membri tal-Kummissjoni baqgħu l-istess membri hawn fuq imsemmija.

20. Mix-xhieda tar-rikorrent irriżulta wkoll, li minn assistent prinċipal mad-Dipartiment tal-Pulizija, ir-rikorrenti kien ġie deployed mal-PBS għal perjodu ta' ħames snin mal-kumpannija ta' produzzjoni '*Where's Everybody*' li kienet tipprovdi programmi fuq ix-xandir pubbliku u, wara li skadew tlett snin biex iġedduhom, kien ingħata parir japplika mal-OPM, sabiex jerġgħu iġeddulu. Iżda wara li skada t-tieni terminu ma reġgħux ġeddulu u ġie deployed lura fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta.

21. Jirriżulta, mix-xhieda tar-rikorrent, li fil-preżent huwa jaħdem fl-ajruport ta' Malta bħala Assistant Principal. Fl-2012 kien ġie assenjat xogħol mal-Public Broadcasting Services Limited fejn kien jikkonduċi programm ta' ġrajjiet kurrenti, li sussegwentement ġie rtirat wara l-elezzjoni tal-2013, fejn l-ittra li rċieva ma kienx hemm raġuni għaliex ġiet irtirata l-assenjazzjoni tiegħu. (fol 42).

22. Jirriżulta li meta f'Settembru 2012 kien kellmu Anton Attard, Chief Executive Officer tal-PBS, biex jerġa' jirritorna l-PBS, fejn reġa' daħal jaħdem bħala ġurnalist fin-newsroom u kien jikkonduċi wkoll programm. Wara disa' xhur, il-programm

kien twaqqaf u d-deployment tiegħu twaqqaf ħesrem wara li rċieva ittra f'Mejju 2013 li nfurmatu li kien hemm bżonn essenzjali tiegħu ġewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta. (fol 138).

23. Jirriżulta wkoll mill-provi, rigward il-ħatra tal-Kummissjoni għall-Impjiegi, li jrid ikun hemm konsultazzjoni bejn il-Prim Ministru u l-Kap tal-Opposizzjoni biex sussegwentement il-Prim Ministru jagħti l-parir tiegħu lill-President għall-ħatra ta' Chairman tal-Kummissjoni Dwar l-Impjiegi. Jirriżulta li b'referenza għall-ħatra ta' Dr. Ingrid Zammit Young, il-proċess sar fl-2015, u fl-2016 sar il-proċess ta' Dr. Frank Testa (fol 68).

24. Fix-xhieda tiegħu, ir-rikorrent ikkonferma li huwa pproċeda quddiem il-Kummissjoni għall-Impjiegi sabiex id-drittijiet Kostituzzjonali tiegħu jiġu salvagwardjati. Ir-rikorrent ikkonferma wkoll fix-xhieda tiegħu li ma għamel ebda oġġezzjoni għall-ħatra taż-żewġ Chairman, u ċioe` ta' Dr. Zammit Young u ta' Dr. Frank Testa. (fol 145).

## Ikkunsidrat

25. Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi r-rikorrent qiegħed, permezz tal-azzjoni preżenti, jressaq ilment ta' indole kostituzzjonali li abbażi tiegħu qiegħed jikkontendi li l-Kostituzzjoni u kompożizzjoni tal-Kummissjoni dwar L-Impjiegi Taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta (Artikolu 120) ma jiswewx għaliex jiksru d-dritt ta' smiegħ xieraq tar-rikorrent stante li ma jħarisx dak li jgħidu l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem, kif sanċita' taħt il-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta.

26. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi l-intimati jqajjmu, lkoll b'mod individwali id-difiżi tagħhom. Id-difiżi tal-Avukat tal-Istat fil-mertu huma s-segwenti:

    1. L-Artikolu 120 tal-Kostituzzjoni mhuwiex maħsub li jkun kontra l-istess Kostituzzjoni. Għalhekk, dan l-artikolu ma jistax jigi attakkat b'każ Kostituzzjonali.
    2. L-artikolu 6 tal-Kostituzzjoni hija biss liġi oħra li mhijiex il-Kostituzzjoni għalhekk ma jistax jiġi dikjarat li dispożizzjoni tal-Kostituzzjoni hija anti-kostituzzjonali.
    3. Dwar il-ħatra tal-membri tal-Kummissjoni Dwar l-Impjiegi, skont l-Artikolu 85(2) u l-artikolu 86(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta tali parir ma jistgħux jiġu eżaminati minn ebda Qorti.
    4. L-applikazzjoni tal-artikolu 3(2) tal-Kap 319, hemm espliċitament eskluż il-Kostituzzjoni ta' Malta kwindi l-Artikolu 120 ma jistax jiġi investigat imurx kontra l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea.

5. Illi l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea ma jistgħux jiġu investigati peress li l-Kummissjoni ma tagħtix deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' drittijiet jew obbligi ċivili.
6. Ħatra u Tnneħħija tal-Membri tal-Kummissjoni Dwar l-Impjiegi il-ħatra taċ-Chairman tal-Kummissjoni Dwar l-Impjiegi ssir b'konsultazzjoni mal-Kap tal-Opposizzjoni u regolata bl-Artikolu 120(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Bl-istess mod jitneħħew mhux mill-Prim Ministru waħdu iżda wara konsultazzjoni mal-Kap tal-Opposizzjoni.

**Difiżi Preliminari tal-Prim Ministru**

## A. Nuqqas ta' Ġurisdizzjoni

27. It-tieni eċċezzjoni mqajjma mill-Prim Ministru tgħid li l-Kummissjoni dwar l-impjiegi hija mwaqqfa u regolata bil-Kostituzzjoni, u r-rikorrent qed jibbaża ruħu fuq id-dispożizzjonijiet tal-Att Dwar il-Konvenzjoni Ewropea, għalhekk din il-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni tiddetermina t-talbiet tiegħu. Tramite din l-eċċezzjoni, qed jiġi sostnut, li fejn issir referenza fir-rikors promotur għall-applikazzjoni tal-Artikolu 3(2) tal-Kap 319, l-Att Dwar il-Konvenzjoni Ewropea, din il-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni.

28. Il-Qorti hawnhekk tosserva illi l-Kummissjoni Dwar l-Impjiegi hija mwaqqfa u regolata bil-Kostituzzjoni. L-Att Dwar il-Konvenzjoni Ewropea jeskludi l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Kostituzzjoni. Infatti, l-artikolu 3 tal-Kap 319 jikkonferma dak li diġà jirriżulta mill-Kostituzzjoni.

    L-Artikolu 3 (2) tal-Konvenzjoni Ewropea jipprovdi: "*fejn ikun hemm xi liġi ordinarja li tkun inkonsistenti mad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, l-imsemmija Drittijiet u Libertajiet Fundamentali għandhom jipprevalu u dik il-liġi ordinarja għandha sa fejn tkun inkonsistenti, tkun bla effett.*"

    L-Artikolu 2 tal-istess Att jgħid li: "*liġi ordinarja tfisser kull dokument li għandu s-saħħa ta' liġi u kull regola ta' liġi mhux miktuba, minbarra l-Kostituzzjoni ta' Malta. Minn dawn id-dispożizzjonijiet joħroġ, kif sewwa sottolineat fis-sottomissjonijiet tal-Prim Ministru li l-Att Dwar il-Konvenzjoni Ewropea jeskludi l-applikabilita` tal-istess Att fejn tidħol il-Kostituzzjoni ta' Malta.*"

29. **Għalhekk, ladarba l-Kostituzzjoni hija eskluża fil-Kap 319, l-ilment tar-rikorrent mill-aspett tal-Artikolu 3 (2) tal-Kap 319 ma jistax jiġi mistħarreġ.**

30. Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi jkun opportun li tilqa' limitatament din l-eċċezzjoni billi l-ilment tar-rikorrent b'referenza speċifika għall-Artikolu 3(2) tal-Kovenzjoni Ewropea ma tisax tiġi mistħarrġa. Konsegwentement, din il-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni fuq l-aspett tal-Artikolu 3(2) tal-Kap 319. Iżda, din il-Qorti ser

tgħaddi biex tkompli teżamina t-talba tar-rikorrenti mill-aspetti rimanenti, fejn jistħoqq stħarriġ fil-mertu.

## Meritu tal-każ

31. Il-Qorti ser issa tgħaddi biex tikkunsidra l-eċċezzjonijet fuq il-mertu tal-każ.

32. Fir-risposta tal-Prim Ministru, ġie eċċepit li din il-Qorti għandha tirrifjuta li teżerċita s-setgħa tagħha skont il-proviso tal-artikolu 46(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 4(2) tal-Att Dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta billi r-rikorrent kellu rimedji oħra ordinarji disponibbli li huwa ma utiliżżax.

33. Il-proviso għall-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi:

    "Iżda l-Qorti tista' jekk tqis li jkun desiderabbli li hekk tagħmel, tirrifjuta li teżerċita s-setgħat tagħha skont dan is-sub-artikolu f'kull każ meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju għal ksur allegat huma jew kienu disponibbli favur dik il-persuna skont xi liġi oħra."

34. L-akkoljiment o meno ta' din l-eċċezzjoni huwa fid-diskrezzjoni ta' din il-Qorti, liema diskrezzjoni għandha tiġi wzata bi prudenza biex il-Prim' Awla Sede Kostituzzjonali ma tkunx inondata b'kawżi li jistgħu jiġu determinati bi proċedura oħra. Jingħad ukoll, li l-eżistenza ta' rimedju ieħor għall-allegat ksur ta' jedd fundamentali taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Konvenzjoni għandha tirriżulta bħala stat ta' fatt attwali. F'każ li ma jirriżultax u ma jiġix ippruvat li kien hemm rimedju ieħor xieraq, il-Qorti trid tieħu konjizzjoni tal-ilment u f'każ li kien hemm rimedju ieħor, il-Qorti xorta jibqagħlha s-setgħa li tipproċedi u tiddeċiedi l-każ.

35. Il-Qorti hawnhekk tagħmel referenza għall-każ **George Scerri et vs l-Awtorita' ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar** (45/2009) deċiża fl-1 ta' Frar 2011 fejn ingħad: "Illi meta bħal f'dan il-każ, quddiem din il-Qorti titqajjem l-eċċezzjoni li r-rikorrent ikun naqas li jinqeda minn rimedju ordinarju qabel ma jkun għadda biex iressaq kawża "kostituzzjali", il-kriterji li jridu jitqiesu biex Qorti tal-kompetenza "kostituzzjali" tagħżel li ma twettaqx is-setgħat tagħha li tisma' l-każ huma dawk li f'bosta sentenzi ssemmew u tfissru b'mod eżawrjenti." Din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha toqgħod terġa' tfissirhom, u tillimita ruġha biex tirreferi għas-sentenza tagħha tat-30 ta' Ġunju 2005 fil-kawża **Tretyak vs Direttur taċ-Ċittadinanza u Expatriate Affairs** (22/05) deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-16 ta' Jannar 2006.

36. Jinkombi fuq l-intimat li qed jissolleva din l-eċċezzjoni li jipprova li kien hemm rimedju ieħor xieraq effettiv u adegwat. Biżżejjed jintwera li jkun hemm rimedju ieħor li jista' jiġi segwit b'mod effettiv u effikaċi. Minkejja dan l-eżistenza ta' rimedju ieħor ma torbotx idejn il-Qorti milli tkompli tisma' l-każ kostituzzjonali mressaq quddiemha.

37. Fil-każ in ezami, l-ewwel ilment prinċipali tar-rikorrent huwa li ma ngħatax smiegħ xieraq mill-Kummissjoni għall-Impjiegi. Il-Prim Ministru, fis-sottomissjonijiet tiegħu sostna li r-rikorrent diġa' eżawrixxa l-provi tiegħu quddiem il-Kummissjoni Dwar l-Impjiegi qabel iddeċieda li jagħlaq il-kwistjoni u jipproċeda b'dan il-każ. Ir-rikorrent fis-sottomsissjonijiet tiegħu rrefera għall-każ **Grace Spiteri vs AG**, deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili Sede Kostituzzjonali fit-13 ta' Novembru 2017, fejn ingħad li dan ir-rimedju għandu jiġi interpretat ristrettivament mill-Qorti. Minn naħa l-oħra, fis-sottomissjonijiet tal-Prim Ministru saret referenza għall-każ **Dr. Mario Vella vs Joseph Bannister noe** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Marzu 1994, fejn il-Qorti Kostituzzjonali ssospendiet il-proċeduri u bagħtet lir-rikorrent quddiem il-Kummissjoni għall-Impjiegi.

38. Il-Qorti tirrileva illi f'dan l-aħħar każ hawn fuq ikkowotat il-Qorti kienet issospendiet il-każ sabiex isir l-ilment quddiem il-Kummissjoni għall-Impjiegi. Fil-każ odjern, ir-rikorrent kien ġia ressaq l-ilment tiegħu quddiem il-Kummissjoni għall-Impjiegi. Għalhekk, in vista tal-prinċipji enunċjati fil-ġursiprudenza aktar 'il fuq suċċitata, din il-Qorti tqis illi r-rikorrent utilizza r-rimedji ordinarji tiegħu qabel ma nieda l-proċeduri odjerni, u għalhekk il-Qorti tista' tipproċedi bid-deċizjoni għal dan il-każ.

39. **Għalhekk, din it-tielet eċċezzjoni tal-Prim Ministru qed tiġi miċħuda.**

40. Il-Qorti ser issa tgħaddi biex tikkunsidra l-ilment tar-rikorrent, fl-ottika tad-difiżi mqajjma mill-intimati.

41. Ir-rikorrent qed jikkontendi li l-Kostituzzjoni u kompożizzjoni tal-Kummissjoni dwar L-Impjiegi Taħt il-Kostituzzjoni ta' Malta (Artikolu 120) ma jiswewx għaliex jiksru d-dritt ta' smiegħ xieraq tar-rikorrent stante li ma jħarisx dak li jgħidu l-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-bniedem, kif sanċita taħt il-Kap 319 tal-Liħijiet ta' Malta.

42. Tramite r-raba', il-ħames u s-sitt eċċezzjonijiet, l-Avukat Ġenerali ssottometta li l-Artikolu 120 ma jistax jiġi attakkat b'każ Kostituzzjonali. Kif sottomess fis-sottomissjonijiet, ġie rilevat, li l-Artikolu 6 tal-Kostituzzjoni ta' Malta jitkellem dwar is-supremazija tal-Kostituzzjoni, konsegwentement, id-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni huma kollha ugwali. Saret referenza għall-ġurisprudenza fejn ingħad li mhuwiex maħsub li parti mill-Kostituzzjoni titqies kontra l-Kostituzzjoni. Dan huwa l-argument tad-difiża tal-Avukat tal-Istat. Fl-istess termini hija r-risposta tal-Prim Ministru, fejn intqal, li huwa prinċipju loġiku li d-dispożizzjonijiet differenti tal-Kostituzzjoni ma jitqisux kontra xulxin. Kompla jiġi spjegat fis-sottomissjonijiet tal-Prim Ministru, li d-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ma jistgħux jiġu nterpretati li huma f'kunflitt ma' xulxin, bl-eċċezzjoni tal-artikolu 66 tal-Kostituzzjoni, fejn il-Leġislatur ried li ebda tibdil tad-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ma jkunx validu jekk skont l-istess artikolu, ikun jeħtieġ il-vot ta' żewġ terzi tal-Parlament. Minn naħa l-oħra, r-rikorrent fis-sottomissjonijiet tiegħu rrefera għall-każ **Paul Stoner vs l-Onorevoli Prim Ministru et**, deċiża fit-22 ta'

Frar 1995 fejn f'dak il-każ, artikolu tal-Kostituzzjoni ġie dikjarat anti-Kostituzzjonali, billi ġie deċiż li l-artikolu 44(4)(c) kien qed joħloq diskriminazzjoni kontra l-irġiel.

43. Il-Qorti tosserva li, fl-ewwel lok, tajjeb jingħad x'inhuwa l-ilment tar-rikorrent. Illi l-ilment prinċipali li jirriżulta mill-atti u r-riżultanzi fattwali huwa l-mod ta' kif jinħatar iċ-Chairman tal-Kummissjoni dwar l-Impjiegi. Infatti, huwa lmenta li ċ-Chairman jinħatar fuq parir tal-Prim Ministru, li huwa qed jipproċedi kontrih. Għal dan il-mottiv, huwa qed jattakka l-Artikolu 120 tal-Kostituzzjoni stante li mhijiex tagħtih smiegħ xieraq.

44. F'dan il-kuntest, huwa imperattiv li tiġi osservata li l-Artikolu 6 tal-Kostituzzjoni titkellem dwar is-supremazija tal-Kostituzzjoni. Dan minnu nnifsu jimplika li l-Kostituzzjoni ta' Malta hija liġi, li m'għandu jkun fiha l-ebda inkonsistenza jew dispożizzjonijiet kontra xulxin. Illi anke fil-ġurisprudenza, dan il-prinċipju ġie kkonfermat, kif sewwa sottomess fil-ġurisprudenza ċitata fis-sottomissjonijiet tal-Avukat tal-Istat, b'mod speċifiku l-każ **Dottor Harry Vassallo vs Onorevoli Prim Ministru et** deċiża fid-9 ta' Ottubru 2001 fejn ingħad: "*Mhuwiex maħsub li xi parti mill-Kostituzzjoni tista' titqies kontra l-Kostituzzjoni*,"

45. Jiġi osservat, li nonostante dan l-ilment tar-rikorrent, huwa ma oġġezzjonax għal ħadd miċ-Chairman tal-Bord. Huwa qed isostni li minħabba l-mod kif issir il-ħatra, kemm jista' jkun hemm kunflitt meta jiġu biex jiddeċiedu l-każ tiegħu. L-ilment tar-rikorrent mhuwiex dwar telfien ta' impjieg, huwa għadu jirriteni l-impjieg tiegħu mad-Dipartiment tal-Pulizija u fil-preżent huwa Assistant Principal fl-Ajruport. Iżda, l-ilment tiegħu huwa dwar il-fatt li twaqqaf ħesrem id-deployment tiegħu mal-PBS Limited f'Mejju 2013 wara li kien reġa' ġie deployed hemmhekk fis-sena 2012, wara li kien għamel ħames snin deployed mall-istess PBS Limited preċedentement.

46. L-Artikolu 120 (1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jipprovdi: "*Għandu jkun hemm Kummissjoni dwar L-Impjiegi għal Malta li tkun magħmula minn chairman u minn erba' membri oħra*."

47. Is-subartikolu 2 tal-Artikolu 120 jistipula: "*Il-membri tal-Kummissjoni Dwar l-Impjiegi jkunu maħtura mill-President li, fil-ħatra taċ-chairman għandu jaġixxi skont il-parir tal-Prim Ministru mogħti wara li dan ikun ikkonsulta l-Kap tal-Opposizzjoni, fil-ħatra ta' tnejn mill-erba' membri oħra, għandu jaġixxi skont il-parir tal-Prim Ministru, u fil-ħatra taż-żewġ membri l-oħra għandu jaġixxi skont il-parir tal-Kap tal-Opposizzjoni.*"

48. L-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni jiddisponi li "*Kull qorti jew awtorita` oħra ħudikanti mwaqqfa b'liħi għad-deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta' drittijiet jew obbligi ċivili għandha tkun indipendenti u imparzjali, u meta l-proċeduri għal deċiżjoni bħal dik huma mibdija minn xi persuna quddiem qorti jew awtorita` oħra ġudikanti bħal dik, il-każ għandu jiġi mogħti smiegħ xieraq għeluq żmien raġonevoli.*"

49. Kif tajjeb sottomess fis-sottomissjonijiet tal-Avukat Ġenerali, b'differenza għall-kaz ċitat mir-rikorrent ossija 'Paul Stoner vs L-O.P.M. et,' fil-każ odjern, l-Artikolu 120, li qed jiġi attakkat permezz ta' dan ir-rikors, daħal fis-seħħ **wara u mhux qabel** l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni. Tajjeb, jiġi osservat, li m'hemm mkien indikat fil-Kostituzzjoni li l-artikolu 39 jiswa aktar mill-artikolu 120. Inoltre`, l-artikolu 120 tal-Kostituzzjoni huwa mħares mill-istess Kostituzzjoni, peress li l-artikolu 120 ma jistax jinbidel jekk mhux b'vot ta' żewġ terzi tal-Membri tal-Parlament.

50. F'dan il-kuntest, huwa relevanti wkoll l-artikolu 120(8) tal-Kostituzzjoni fejn jingħad li l-mansjoni tal-Kummissjoni Dwar l-Impjiegi hi li tiżgura li fl-Impjiegi ma ssirx distinzjoni, esklużjoni jew preferenza li ma tkunx ġustifikabbli f'soċjeta' demokratika.

51. Għaldaqstant, fil-każ in eżami, ma jirriżultax li nġiebu l-ebda provi li jitfgħu dawl fuq dak allegat li l-artikolu 120 ma jiswiex jew li mhuwiex joffri smiegħ xieraq, jew li jmur kontra l-artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni.

52. **Għalhekk, din il-Qorti qed tilqa' r-raba' u l-ħames eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat u tal-Imsejjaħ fil-kawża s-Segretarju Permanenti Ewlieni.**

53. B'referenza għas-sitt eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat fejn ingħad li skont l-artikolu 85(2) u l-artikolu 86(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, tali parir jew rakkomandazzjoni ma tistax tiġi eżaminata minn ebda Qorti, l-Qorti tagħmel referenza għall-Artikolu 85(2) tal-Kostituzzjoni li jipprovdi: "*Meta skont din il-Kostituzzjoni l-President huwa meħtieġ li jagixxi skont il-parir ta' xi persuna jew awtorita`, il-kwistjoni jekk ikunx f'xi kaz ircieva, jew ikunx agixxa skont dak il-parir ma għandhiex tigi ezaminata minn ebda Qorti.*"

54. L-artikolu 86(3) jiddisponi: "*Meta skont din il-Kostituzzjoni l-Prim Ministru huwa meħtieġ li jaqdi xi funzjoni skont ir-rakkomandazzjoni ta' jew wara konsultazzjoni ma' xi persuna jew awtorita`, il-kwistjoni jekk huwa jkunx f'xi każ irċieva jew ikunx aġixxa skont dik ir-rakkomandazzjoni jew jekk ikunx ikkonsulta ma' dik il-persuna jew awtorita` ma għandhiex tiġi eżaminata minn ebda Qorti.*"

55. Dwar dan il-punt, jista' jitqies b'mod analogu dak deċiż fil-ġurisprudenza dwar l-Artikolu 115 tal-Kostituzzjoni li jipprovdi protezzjoni lill-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku minn ċerta proċeduri ġudizzjarji. Hawnhekk qed issir analoġija ma' entita` oħra. Il-PSC mhux ħieles minn skrutinju tal-Qrati ordinarji. Il-Qrati tagħna osservaw li l-PSC mhijiex insindakabbli b'mod assolut ... Il-Qrati tagħna osservaw li, jew li l-istess PSC aġixxiet bi ksur ta' drittijiet fundamentali." (**Attard vs St. Angelo noe et** deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fis-6 ta' Novembru 1996, **Galea vs Chairman tal-Kummissjoni Dwar is-Servizz Pubbliku** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fl-20 ta' Jannar 1985).

56. Fil-każ in ezami, l-allegat ilment tar-rikorrent jirrigwarda r-rakkomandazzjoni tal-Prim Ministru għaċ-Chairman tal-Kummissjoni Dwar l-Impjiegi. Illi din il-Qorti

tista' tissindika dak kollu li jista' jkun bi ksur tad-drittijiet fundamentali. Iżda, tali rakkomondazzjoni ta' Chairman tal-Kummissjoni Dwar l-Impjiegi m'għandhiex tiġi eżaminata minn din il-Qorti a tenur tal-Artikolu 85(2) u 86(3) tal-Kostituzzjoni, tali rakkomandazzjoni m'għandhiex tkun sindakabbli, aktar u aktar jekk ma jiġix ippruvat u ssostanzjat bil-provi li kien hemm ksur fundamentali tad-drittijiet tal-bniedem. M'huwiex biżżejjed li wieħed jattakka artikolu tal-Kostituzzjoni jekk ma jippruvax u ma jissostanzjax l-allegazzjonijiet tiegħu bil-provi.

57. **Għaldaqstant, il-Qorti tqis li għandha tilqa' s-sitt eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat u l-imsejjaħ fil-kawża s-Segretarju Permanenti Ewlieni. Tilqa' wkoll is-sitt eċċezzjoni tal-Prim Ministru f'dan is-sens.**

58. Fis-seba' eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat u tal-imsejjaħ fil-kawża s-Segretarju Permanenti Ewlieni, ġie sostnut li l-Artikolu 120 tal-Kostituzzjoni ma jistax jiġi attakkat bil-Kap 319. L-artikolu 3(2) tal-Kap 319 isemmi li l-liġijiet ordinarji jgħaddu mill-għarbiel Dwar id-Dirittijiet tal-Bniedem. Isegwi li l-ilment tar-rikorrent mhuwiex biex tiġi mistħarrġa liġi ordinarja, iżda qed jitlob stħarriġ fuq il-Kostituzzjoni.

59. **Għalhekk, din il-Qorti ser tilqa' din is-seba' eċċezzjoni.**

60. Permezz tat-tmien eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat, ġie sostnut li l-ilment tar-rikorrent ma jistax jiġi mistħarreġ mill-ottika tal-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea stante li l-Kummissjoni Dwar l-Impjiegi ma tiddeterminax drittijiet u obbligi ċivili. Fl-istess sens hija r-raba'eċċezzjoni tal-Prim Ministru. Ġie sottomess fis-sottomissjonijiet tal-intimati, li jrid ikun hemm dritt ċivili li hu protett bil-liġi, stante li l-Konvenzjoni Ewropea ma tħarisx lill-individwu fil-jedd ta' smiegħ xieraq dwar kull jedd jew obbligu li jista' jqanqal taħt il-liġi ta' pajjiżu.

61. L-Artikolu 39(2) tal-Kostituzzjoni jinsab ċitat aktar 'il fuq. L-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea jiddisponi: "*Fid-deċiżjoni tad-drittijiet Ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa intitolat għal smiegħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali imwaqqaf b'liġi.*"

62. Fil-każ odjern, l-ilment tar-rikorrent jitratta l-pretensjoni tiegħu li filwaqt li jibqa' fl-impjieg ta' Assistant Principal mad-Dipartiment tal-Pulizija jibqa' jiġi misluf lill-kumpanija PBS Limited. F'dan il-każ m'hawnx telfien ta' impjieg. Ir-rikorrent qed isostni li huwa ma baqax jiġi deployed mal-PBS u twaqqaf ħesrem, għal raġunijiet politiċi. Dan seħħ meta rċieva l-ittra f'Mejju 2013 li kienet infurmatu li x-xogħol tiegħu kien rikjest b'effett immedjat fl-Uffiċju tal-Immigrazzjoni fl-Ajruport ta' Malta għal raġunijiet politiċi. Ġie sottomess fin-noti ta' sottomissjonijiet tal-intimati, li f'dak li qed jilmenta minnu r-rikorrent m'hemmx dritt ċivili mhedded.

63. Hawnhekk, huwa ferm relevanti dak enunċjat fil-każ **Konig vs Germany** deċiż fit-28 ta' Ġunju 1978 fejn il-Qorti Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem iddeċidiet li s-

sitwazzjoni tal-professjoni ta' Konig bħala tabib kellha tiġi klassifikata bħala dritt ċivili fit-termini tal-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea.: "*Whilst the Court thus concludes that the concept of "civil rights and obligations" is autonomous, it nevertheless does not consider that, in this context, the legislation of the State concerned is without importance. Whether or not a right is to be regarded as civil within the meaning of this expression in the Convention must be determined by reference to the substantive content and effects of the right. – and not its legal classification -under the domestic law of the State concerned. (Ara wkoll* ***Ringeisen vs Austria*** *case 16th July 1971 Series A no 13. Pg 45 para 110* ***Engel and others judgement*** *page 34 p 81).*

64. Fil-każ **Konig vs Germany** kompla ingħad hekk: "*Since it thus considers the rights affected by the withdrawal decisions and forming the object of the cases before the administrative courts to be private rights, the Court concludes that art 6 para 1 (art. 6-1) is applicable without it being necessary in the present case to decide whether the concept of civil rights and obligations within the meaning of that provision extends beyond those rights which have a private nature*".

65. L-Artikolu 120 (8) jipprovdi li "*Tkun il-funzjoni tal-Kummissjoni Dwar l-Impjiegi li tiżgura li dwar l-impjiegi ebda distinzjoni, esklużjoni, jew preferenza li ma tkunx ġustifikabbli f'soċjeta' demokratika ma' għanda ssir jew tingħata favur jew kontra persuna minħabba l-opinjoni politika tagħha*."

66. Minn dan is sub-inċiż tal-liġi jidher evidentement li l-Kummissjoni ma' tiddeċidix dwar drittijiet jew obbligi ċivili. Fil-kaa **Konig vs Germany** ingħad is-segwenti: "*Both the commission and the Government agree that the concept of civil rights and obligations cannot be interpreted solely by reference to the domestic law of the respondent state*."

67. Fil-każ odjern, wara snin deployed mal-PBS Limited, ir-rikorrent fit-2012, reġa' ġie deployed fil-kumpanija PBS Limited, u l-jedd pretiż mir-rikorrent huwa bbażat fuq it-twaqqif tad-deployment tiegħu mal-PBS Ltd, allegatament għal raġunijiet politiċi. Kien għalhekk li huwa ressaq l-ilment tiegħu quddiem il-Kummissjoni dwar l-Impjiegi. Il-Qorti ma tqisx li d-deċiżjoni tal-kummissjoni in segwitu għall-ilment tar-rikorrent jitratta jedd u dritt ċivili. Konsegwentement, in linea ma' dak deċiż fil-ġurisprudenza tal-Qorti ta' Strasbourg, jekk il-jedd m'huwiex dritt ċivili, m'huwiex imħares taħt il-Konvenzjoni Ewropea. Din il-Qorti ħadet konjizzjoni tal-każijiet referuti fis-sottomissjonijiet tar-rikorrent dwar drittijiet u obbligi ċivili, fejn huwa ċċita l-każ **Wilson National Union of Journalists and others vs UK** deċiża fit-2 ta' Lulju 2002 u **Ruiz Mateos vs Spain**, iżda jiġi osservat li dawn il-każijiet m'humiex analogi u m'hemmx l-istess relevanza neċessarja għad-dritt ċivili, kwindi dawn il-kawżi ċitati mill-intimat m'humiex ta' relevanza diretta għall-pern tal-każ odjern, fejn dak li għandu jiġi mistħarreġ huwa jekk il-Kummissjoni tiddeċidix dwar dritt ċivili, fejn diġa' ġie enunċjat aktar 'il fuq li l-Kummissjoni meta ffaċċata bl-ilment tar-rikorrent mhijiex qed tiddeċiedi dwar dritt ċivili.

68. Fl-ilment tiegħu ir-rikorrent jikkontenti wkoll li mod tal-ħatra taċ-Chairman tal-Kummissjoni dwar l-Impjiegi ma wasslitux għal smiegħ xieraq quddiem l-istess Kummissjoni. Fis-sottomissjonijiet tiegħu, isemmi li l-Artikolu 85(1) tal-Kostituzzjoni telenka każijiet speċifiċi fejn il-President ta' Malta m'huwiex obbligat joqgħod mar-rakkomandazzjoni tal-Prim Ministru. Iżda, ir-rikorrent ikompli jissottometti li l-President huwa obbligat jaġixxi skont il-parir tal-Prim Ministru ai termini tal-artikolu 120(2) u l-artikolu 85(1) tal-Kostituzzjoni. Din il-Qorti tqis li dan il-fatt minnu nnifsu ma jwassalx għal ksur ta' dritt ta' smiegħ xieraq.

69. Din il-Qorti, in vista ta' dak allegat trid tistħarreġ u tqis sewwa dak li jirriżulta dwar il-komposizzjoni tal-Kummissjoni dwar l-Impjiegi kif sanċita fil-Kostituzzjoni ta' Malta permezz tal-Artikolu 120. Is-sub Artikolu 3 tal-Artikolu 120 jipprovdi li l-persuni maħtura fil-Kummissjoni dwar l-Impjiegi jaġixxu indipendentement mill-poteri l-oħra ta' l-Istat. Kif tajjeb sottomess fis-sottomissjonijiet tal-Avukat tal-Istat il-membri tal-Kummissjoni dwar l-Impjiegi jitħallsu mill-fond konsolidat. Jirriżulta wkoll mill-Artikolu 107 (4) li jipprovdi li l-Kummissjoni għandha d-dritt tirregola l-proċedura tagħha. Dawn l-aspetti kollha jirriflettu l-indipendenza tal-Kummissjoni dwar l-Impjiegi.

70. Fil-każ **Beaumartin vs France** (15287/89 deċiż fl-24 ta' Novembru 1994 intqal: "*Only an institution that has full jurisdiction and satisfies a number of requirements, such as independence of the executive and also of the parties merits the deisgnaton "tribunal" within the meaning of article 6 par. 1." (Ara wkoll* ***Belilos vs Switzerland*** *deċiż 29 ta' April 1988,* ***Van Leuven and De Meyere vs Belgium*** *deċiż fit-23 ta' Ġunju 1981) .*

    Hekk ukoll fil-każ **Stramek vs Austria** ġie deċiż hekk: "*For the purposes of Article 6 however it comes within the concept of a "tribunal" in the substantive sense of this expression: its function is to determine matters within its competence on the basis of rules of law, following proceedings conducted in a prescribed manner" (Ara wkoll* ***Ringeisen vs Austria****, 16th July 1971series A No 13 pg 45 para 110).*

71. L-artikolu 120 (2) tal-Kostituzzjoni jiddisponi dwar il-mod tal-ħatra tal-membri kollha tal-Kummissjoni dwar l-Impjiegi. Ir-rikorrent, la fil-premessi u lanqas fix-xhieda tiegħu ma' lmenta dwar il-kwalitajiet tal-membri fis-sens li ma ssemmiex li kienu nieqsa mill-kwalitajiet essenzjali għal ġudizzju u għal imparzjalita' u indipendenza tagħhom iżda, l-ilment tiegħu hu bbażat fuq il-mod ta' kif issir il-ħatra taċ-Chairman tal-Kummissjoni dwar l-Impjiegi. Infatti ir-rikorrent ilmenta mill-fatt li huwa proprju l-Prim Ministru li jirrakkomanda min se jkun iċ-Chairman tal-Kummissjoni.

72. Jiġi osservat li fl-Artikolu 120 (2) jgħid b'mod ċar li ċ-Chairman jiġi rrakkomandat mill-Prim Ministru b'konsultazzjoni mal-Kap tal-Opposizzjoni. Inoltre żewġ membri tal-Kummissjoni huma rrakomandati mil-Prim Ministru u żewġ membri mill-Kap tal-Opposizzjoni. Sussegwentement il-ħatra ssir mill-President.

Għalhekk, dan juri li fil-Kostituzzjoni hemm il-bilanċ neċessarju sabiex jingħata smiegħ xieraq b'mod imparzjali u indipendenti. Ma hemm l-ebda prova mressqa fl-atti li kien hemm imparzjalita' jew nuqqas ta' indipendenza fil-Kummissjoni dwar l-Impjiegi. Illi dak ċitat fis-sottomissjonijiet tar-rikorrent, b'referenza għal każistika, dwar l-imparzjalita' u l-indipendenza ta' tribunal ma japplikax fil-każ odjern għax ma ġiex korroborrat bil-provi da parti tar-rikorrent li kien hemm imparzjalita' fil-każ in eżami. Huwa minnu li r-rakkomandazzjoni taċ-Chairman issir mill-Prim Ministru, iżda hemm provdut fid-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni li dan għandu jsir b'konsultazzjoni mal-Kap tal-Opposizzjoni. Fix-xhieda tiegħu ir-rikorrent ikkonferma wkoll li waqt il-proċeduri huwa ma oġġezjonax għall-ħatra ta' Dr Ingrid Zammit Young u lanqas għall-ħatra ta' Dr Fank Testa. Jiġi osservat ukoll, li Dr. Ingrid Zammit Young kienet ġiet maħtura fid-9 ta' Lulju 2015. In segwitu, kienet hi li għażlet li tirriżenja minn Chairman. Kien proprju għalhekk, li minflokha ġie maħtur Dr. Frank Testa fit-22 ta' Marzu 2016. Għaldaqstant, ma jirriżultax li kien hemm l-ebda indħil jew l-ebda ħatra li ma saritx skont dak stipulat fil-Kostituzzjoni. L-unika raġuni li saret ħatra oħra flok Dr. Ingrid Zammit Young hija għaliex hija rriżenjat. Lanqas ma jirriżulta li waqt il-proċeduri quddiem il-Kummissjoni Dwar l-Impjiegi r-rikorrent, talab għar-rimedju ta' rikuża ta' wieħed jew waħda miċ-chairman tal-Kummissjoni, kif *del resto* ġie eċċepit tramite l-ħames eċċezzjoni tal-Prim Ministru. Ladarba ma jirriżultax li r-rikorrent użufruwixxa minn dan ir-rimedju, din il-Qorti ser tilqa' l-ħames eċċezzjoni tal-Prim Ministru.

73. Minbarra hekk, jirriżulta wkoll b'mod ċar mill-istess Arikolu 120 tal-Kostituzzjoni li ċ-chairman ikun maħtur għal terminu ta' 3 snin biss. L-Artikolu 120 (6) jipprovdi wkoll li l-membri tal-Kummissjoni dwar l-Impjiegi jistgħu jitneħħew permezz ta' mġieba ħażina jew minħabba mard mentali. Ir-rikorrent fis-sottomissjonijiet tiegħu, jissottometti li l-membri tal-Kummissjoni dwar l-Impjiegi jistgħu jinteħħew arbitrarjament mill-kariga anke waqt it-tlett snin, għalhekk, qed jikkontendi li m'hemmx security of tenure. Iżda, fil-fehma tal-Qorti, dan l-argument ma jistax ireġġi. Minn eżami akkurat tal-artikolu 120 tal-Kostituzzjoni, anke l-artikolu 120(6) jipprovdi li l-membri jistgħu jitneħħew biss għal raġunijiet kif hawn fuq deskritti, ossija imġieba ħażina jew mard mentali. L-istess artikolu 120(6) jipprovdi għat-tneħħija tal-membri tal-kummissjoni, b'mod li t-tneħħija ma tistax issir b'rakkommandazzjoni tal-Prim Ministru biss iżda b'konsultazzjoni mal-Kap tal-Opposizzjoni. Inoltre`, dwar l-ilmenti tar-rikorrent, li l-membri jinħatru biss għal tlett snin, dan huwa terminu raġonevoli, li ma jfissirx li mhux ser ikun imparzjali. Infatti, fil-każ tal-Qorti Ewropea diġa' suċċitatat **Stramek vs Austria** deċiża fit-22 ta' Ottubru 1984, ingħad li t-terminu ta' tlett snin fi tribunal huwa terminu suffiċjenti sabiex jiggarantixxi imparzjalita` u indipendenza. Il-Qorti tqis li dawn id-disposizzjonijiet tal-artikolu 120 qegħdin hemm biex jintlaħaq bilanċ xieraq bejn id-drittijiet fundamentali sanċiti fil-Kostituzzjoni ta' Malta u sabiex tassigura li l-komposizzjoni tal-Kummissjoni Dwar l-Impjiegi tkun indipendenti u imparzjali.

74. Konsegwentement, huwa evidenti li d-disposizzjonijiet kollha tal-Artikolu 120 qegħdin jippreservaw l-indipendenza u l-imparzjalita` tal-Kummissjoni dwar l-Impjiegi. **Għalhekk l-ilment tar-rikorrent dwar il-ħatra taċ-Chairman dwar il-**

**Kummissjoni dwar l-Impjiegi ma' tistax tintlaqa'.** Di piu, l-ewwel talba tar-rikorrent b'konnessjoni mal-Artikolu 120 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u mal-komposizzjoni tal-Kummissjoni Dwar l-Impjiegi qed tiġi miċħuda.

75. Rigward l-aħħar eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat, it-tmintax il-eċċezzjoni, li deċiżjoni tal-Kummissjoni Dwar l-Impjiegi tista' tiġi mistħarrġa minn Qorti, din il-Qorti tissottolinea li kull deċiżjoni minn tribunal, bord jew Kummissjoni tista' tiġi mistħarrġa minn Qorti. Dan il-fatt jiżgura li meta wieħed iħossu aggravat b'deċiżjoni, huwa jista' dejjem jattakka din id-deċiżjoni, għal diversi fatturi, konsegwentement, ma jfissirx li l-Kummissjoni dwar l-Impjiegi għandha neċessarjament l-aħħar kelma b'referenza għal dan il-każ.

76. F'dan il-kuntest, huwa relevanti dak li ingħad mill-Qrati tagħna u mill-Qorti Ewropea, fejn ingħad, li biex wieħed jiddeċiedi jekk kienx hemm nuqqas ta' smiegħ xieraq f'Qorti jew Tribunal, wieħed irid jara u jeżamina l-proċedura ġudizzjarja kollha kemm hi fit-totalita` tagħha. (Ara f'dan is-sens, **Dr. Lawrence Pullicino vs Onorevoli Prim Ministru et** deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-18 ta' Awissu 1998; **Van Mechelen & others vs The Netherlands** deċiża fit-23 ta' April 1997. Dan juri evidentement li deċiżjoni ta' kummissjoni, bord jew tribunal tkun dejjem sindakabbli minn Qorti. Hawnhekk, ta' min isemmi, li r-rikorrent għażel li jibda jilmenta mhux dwar id-deċiżjoni tal-kummissjoni, iżda dwar il-mod tal-ħatra taċ-Chairman u l-membri tal-Kummissjoni, b'mod li huwa m'huwiex jattakka l-ebda deċiżjoni iżda l-mod tal-ħatra kif sanċit fil-Kostituzzjoni. Din il-Qorti, xorta stħarrġet it-talbiet tar-rikorrent kif dedotti. Madankollu, kull deċiżjoni ta' Bord, Kummissjoni, u/jew Tribunal hija sindakabbli. Għalhekk, tilqa' t-tmintax-il eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat.

77. Fl-aħħarnett, wara li ġew enunċjati l-prinċipji legali fil-mertu, din il-Qorti ser titratta s-seba' eċċezzjoni tal-intimat Prim Ministru, fejn ġie eċċepit li l-ilment tar-rikorrent huwa frivolu u vessatorju. Wara li l-Qorti kkunsidrat it-talbiet u l-eċċezzjonijiet sollevati, jingħad li ma jistax jiġi kkunsidrat li l-ilment tar-rikorrent huwa frivolu u vessatorju. Ir-rikorrent ma rnexxilux jipprova u jissostanzja bil-provi dak illi qed jimenta minnu matul l-andament tal-każ. Madankollu, dan ma jfissirx li l-ilment tar-rikorrent huwa frivolu u vessatorju.

78. **Għaldaqstant, tiċħad is-seba' eċċezzjoni tal-Prim Ministru**.

**Konklużjoni**

Il-Qorti;

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali kollha ppreżentati quddiemha,

Wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tar rikorrent, tal-Avukat tal-Istat u tal-imsejjaħ fil-kawża, Segretarju Permanenti Ewlieni fl-Uffiċju tal-Prim Ministru;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza billi,

**Tiċħad** it-tielet u s-seba' eċċezzjonijiet tal-Prim Ministru.

**Tilqa'** r-raba' l-ħames u s-sitt eċċezzjonijiet tal-Prim Ministru.

**Tilqa'** r-raba', l-ħames, is-sitt, u s-seba' eċċezzjonijiet, kif ukoll it-tmien eċċezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat.

**Tilqa'** wkoll ir-rimanenti eċċezzjonijiet tal-Avukat tal-Istat.

**Tiċħad l-<u>Ewwel Talba</u>** tar-rikorrent għar-raġunijiet hawn fuq spjegati.

**Tiċħad it-Tieni Talba** tar-Rikorrent.

L-ispejjeż jitħallsu mir-rikorrent.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur